

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Settembru 2008 — Evropaiki Dynamiki vs Il-Qorti tal-Ġustizzja

(Kawża T-272/06) ⁽¹⁾

(Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura Komunitarja ta' sejħa għal offerti — Rifjut ta' offerta — Kriterji għall-għażla u għall-għoti tal-kuntratt — Obbligati ta' motivazzjoni)

(2008/C 272/40)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis u N. Keramidas, avvocati)

Konvenuta: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: inizjalment M. Schauss, imbagħad D. Guild, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Lulju 2006, li permezz tagħha ġiet irrifjutata l-offerta magħmula mir-rikorrenti fil-kuntest tas-sejħa għal offerti li saret fil-5 ta' Lulju 2005, dwar il-provvista ta' servizzi intiżi biex jassiguraw il-manutenzjoni, l-iżvilupp u s-support ta' applikazzjonijiet tal-kompjuter, u l-kuntratt ingħata lill-offerent magħżul.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li rrifjutat l-offerta magħmula minn Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE, kif innotifikata lilha b'ittra tal-20 ta' Lulju 2006, hija annullata.*
- 2) *Il-Qorti tal-Ġustizzja hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 294, 2.12.2006.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Settembru 2008 — Gualtieri vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-284/06) ⁽¹⁾

(Espert nazjonali sekondat — Allowances ta' residenza — Post ta' residenza waqt is-sekondament — Eċċezzjoni ta' l-illegalità ta' l-Artikolu 20(3)(b) tad-deċiżjoni fuq esperti nazzjonali sekondati — Prinċipju ta' trattament ugwali)

(2008/C 272/41)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Claudia Gualtieri (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: P. Gualtieri u M. Gualtieri, avvocats)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall, aġent, assistit minn G. Faedo, avocat)

Suġġett

Annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Jannar 2006 li tiirfjuta t-talba tar-rikorrenti għal aġġustament, wara d-divorzju tagħha, ta' l-ammont ta' l-allowances pagabbli taħt l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2002) 1559 tat-30 ta' April 2002 li tistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-espert nazzjonali, kif emendati

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud;*
- 2) *Claudia Gualtieri hija kkundannata għall-ispejjeż*

⁽¹⁾ ĠU C 154, 1.7.2006 (qabel il-kawża F-53/06).